REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1266/2009

tas-16 ta' Diċembru 2009

li jadatta, għall-għaxar darba, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat tar-reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq għall-progress tekniku

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat tar-reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq [1], u partikolarment l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 jeħtieġ li l-apparat tar-reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq għandu, fir-rigward ta' kostruzzjoni, testijiet, installazzjoni u użu tiegħu, jaqbel mar-rekwiżiti tal-Annessi I, IB u II ta' dak ir-Regolament.

(2) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 jistipula li Stat Membru għandu jagħti l-approvazzjoni tat-tip lil kull tip ta' takografu diġitali li jaqbel mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Anness IB tar-Regolament.

(3) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 jeħtieġ li l-apparat tar-registrazzjoni jkun installat u użat f'vetturi rilevanti rregistrati fi Stat Membru.

(4) L-Anness IB tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 jistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kostruzzjoni, l-eżaminazzjoni, l-installazzjoni u l-ispezzjonar tat-takografu diġitali.

(5) Sabiex it-takografu diġitali jittejjeb u jsir ta' kwalità aħjar bil-ħsieb li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq l-industrija u li tkun żgurata informazzjoni sigura dwar il-ħin tas-sewqan u l-perjodi tal-mistrieħ kemm għall-operaturi tat-trasport kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kontroll, jeħtieġ li l-Anness IB tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 ikun adattat għall-progress tekniku..

(6) Dan ir-Regolament ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jagħtu l-approvazzjoni tat-tip lil apparat li huwa konformi mar-rekwiżiti stipulati minnu qabel id-data ta' applikazzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jiġi kkummerċjalizzat b'mod rapidu apparat ta' reġistrazzjoni aktar sigur. Dan ir-Regolament ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jagħtu l-approvazzjoni tat-tip lil softwer li jaġġorna t-takografi diġitali eżistenti biex dawn jilħqu r-rekwiżiti inklużi fir-Regolament.

(7) Dan ir-Regolament ma jimponix is-sostituzzjoni ta' takografu diġitali li għadu jaħdem u li kien installat qabel id-data tal-applikazzjoni tiegħu.

(8) Il-manifatturi tat-takografi diġitali ddikkjaraw li kwalunkwe aċċess għal kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettwali li jista' jipprovdi faċilità essenzjali se jingħata lill-partijiet kollha b'kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji u skont termini reċiproċi.

(9) Sabiex l-omologazzjoni bejn il-komponenti individwali li jkollhom l-approvazzjoni tat-tip tkun iffaċilitata, u sabiex ikun żgurat li l-manifatturi l-ġodda tal-apparat tar-reġistrazzjoni tat-takografi diġitali, jew tal-komponenti tagħhom, ma jkunux ostakolati milli jidħlu fis-suq, jeħtieġ li tkun stabbilita l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali għall-punti tekniċi ta' kollegament bejn il-komponenti differenti.

(10) L-għadd ta' serraturi tal-kumpanija għandu jiżdied sabiex jgħin lill-operaturi u lill-intrapriżi tat-trasport jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2].

(11) Għandu jkun integrat sett usa' ta' settijiet ta' karattri fit-takografi diġitali sabiex ikun żgurat l-infurzar u l-kontroll xieraq tal-vetturi, kif ukoll biex ikunu identifikati sewwa s-sewwieqa.

[1] ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.

[2] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(12) Bħala appoġġ għall-industrija, il-manifatturi u l-korpijiet tal-kontroll biex ikunu jistgħu jidentifikaw il-manifatturi attwali li hemm fis-suq, kif ukoll sabiex ikunu kapaċi jiddistingwu l-pajjiżi u l-kodiċijiet rilevanti fuq il-bażi ta' sinjali wżati fil-vetturi fit-traffiku internazzjonali, kif stipulati fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-traffiku fit-toroq li saret fl-1968 fi Vjenna, għandhom jinżammu l-listi x-xierqa mil-laboratorju li jkollu l-kompetenza jwettaq it-testijiet tal-interoperabbiltà, u dawn il-listi għandhom ikunu disponibbli fuq sit pubbliku tal-internet.

(13) Sabiex it-trasport fit-triq ikun megħjun lejn it-twettiq tal-obbligi legali tiegħu fil-ħżin ta' informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' infurzar, għandhom jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tat-test komuni għall-karta tal-*printout* li tintuża meta tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

(14) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, u b'hekk l-ispejjeż relatati, tal-operaturi u s-sewwieqa meta jużaw it-takografu diġitali, id-dispożizzjonijiet għall-installazzjoni, l-attivazzjoni, il-kalibrazzjoni u l-ispezzjoni tal-apparat għandhom ikunu ssimplifikati u mmirati speċifikament biss lejn dawk il-vetturi użati għal sewqan li jaqa' fl-ambitu tar-regoli dwar is-sigħat tas-sewwieqa kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni [leġiżlazzjoni] soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq ([1]).

(15) Matul l-ispezzjonijiet perjodiċi jew f'okkażjonijiet oħra meta l-apparat tar-reġistrazzjoni jkun jeħtieġ li jiġi ċċekkjat, ikkalibrat, imsewwi jew spezzjonat, l-imħażen tax-xogħol għandhom jittestjaw l-apparat għall-preżenza, jew l-użu, ta' strumenti ta' manipulazzjoni u għandhom jagħmlu u jżommu reġistru ta' avvenimenti bħal dawn, inklużi ta' siġilli nieqsa jew miksura.

(16) It-takografi diġitali tal-vetturi li jaqgħu fil-kategoriji M2, M3, N2 jew N3, kif iddefiniti fl-Anness II għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ([2]), biss għandhom jirreġistraw b'mod awtomatiku l-każijiet ta' sewqan eċċessiv.

(17) Wara r-rapport mogħti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (ir-"*Rapport dwar l-Attakki fuq is-Sigurtà tat-Takografu Diġitali u dwar ir-Riskju Assoċjat Mal-Introduzzjoni tal-Adapters biex ikunu mmuntati f'Vetturi Ħfief*"), il-komunikazzjoni ta' *data* elettronika bejn is-sors tal-moviment tal-vettura u s-sensorju tal-moviment għandha tkun protetta mit-tbagħbis, bħat-tbagħbis permezz tal-użu tal-kalamiti, u dik id-*data* dwar il-moviment tal-vettura għandha tkun ikkorroborata minn sorsi interni u esterni addizzjonali u indipendenti.

(18) Huwa essenzjali għall-integrità u l-affidabbiltà tas-sigurtà tas-sistema tat-takografi diġitali li jkun żgurat li l-biljetti tat-takografi li jinħarġu lis-sewwieqa jkunu uniċi. Sabiex ikun vjetat li s-sewwieqa japplikaw jew ikunu fil-pussess ta' aktar minn biljett validu wieħed, għandu jkun hemm l-iskambju elettroniku ta' *data* bejn l-Istati Membri.

(19) L-*interface* bejn il-magna u l-bniedem għad-dħul manwali tal-attivitajiet f'każijiet meta s-sewwieqa jkunu'l bogħod mill-vettura tagħhom u, matul dak il-perjodu, ma jkunux f'pożizzjoni li jirreġistraw l-attivitajiet tagħhom fuq il-biljett tas-sewqan tagħhom, għandu jkun issimplifikat u kkjarifikat.

(20) Huwa ta' għajnuna għas-sewwieqa li jkollhom tagħrif addizzjonali u mhux obbligatorju muri lilhom fuq l-iskrin tat-takografu diġitali, kif ukoll li t-twissijiet jitrażżnu meta l-vettura tkun qed tinstaq barra mill-ambitu tar-regoli biss.

(21) Il-ħin meħud għat-tniżżil tad-*data* mill-apparat tar-reġistrazzjoni għandu jitnaqqas permezz ta' titjib fl-*interfaces* tekniċi.

(22) Sabiex tinżamm l-affidabbiltà tas-sistema fid-dawl tal-ħruġ mill-użu, fil-ġejjieni qrib, tal-mekkaniżmi tas-sigurtà wżati attwalment, huma meħtieġa miżuri ta' kontinġenza biex tkun żgurata l-kontinwità tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip għall-apparat tat-takografi.

(23) Sabiex ikun żgurat li, matul il-kontrolli mal-ġenb tat-triq, ikunu jistgħu jiġu ddeterminati x-xejriet tas-sewqan u r-reġistri "veri" tas-sewqan, il-kalkolu tal-ħin tas-sewqan u tal-ħin tal-perjodi tal-attività sal-eqreb minuta għandu jkun issimplifikat.

(24) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85.

(25) Għalhekk, ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 għandu jiġi emendat b'dan il-mod,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IB għar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 għandu jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1
([2]) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Ottubru 2011. Madankollu, il-punti 3.1, 3.8, 3.9, 3.11, 3.20, 8.2, 9.2, 12.3, 12.4 u 13 tal-Anness għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2012 u l-punti 7.2, 7.3 u 7.5 għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2009

Għall-Kummissjoni

José Manuel BARROSO

Il-President

ANNESS

L-Anness IB għar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 huwa emendat kif ġej:

1. **EMENDI GĦALL-KAPITOLU I (DEFINIZZJONIJIET)**

1.1 Id-definizzjoni (f) għandha tinbidel b'dan li ġej:

"(f) 'kalibrazzjoni' tfisser:: l-aġġornament jew il-konfermar tal-parametri tal-vettura li għandhom jinżammu fil-memorja tad-data. Il-parametri tal-vettura jinkludu l-identifikazzjoni tal-vettura (in-NIV, in-NRV u l-Istat Membru li qed jirreġistraha) u l-karatteristiċi tal-vettura (w, k, l, id-daqs tat-tajer, l-issettjar tal-apparat li jillimita l-veloċità (jekk japplika), il-ħin attwali tal-KĦU, il-valur attwali tal-odometer);

Kull aġġornament jew konferma tal-ħin tal-KĦU biss għandu jkun ikkunsidrat bħala aġġustament tal-ħin u mhux bħala kalibrazzjoni, sakemm ma jkunx jikkontradixxi r-Rekwiżit 256.

Il-kalibrazzjoni ta' apparat tar-reġistrazzjoni teħtieġ l-użu ta' biljett tal-maħżen tax-xogħol;"

1.2 Id-definizzjoni (f) għandha tinbidel b'dan li ġej:

"(l) 'biljett tal-kumpanija' tfisser:

Biljett takografiku maħruġ mill-awtoritajiet tal-Istat Membru lis-sid jew lid-detentur ta' vetturi armati b'apparat tar-reġistrazzjoni;

Il-biljett tal-kumpanija jidentifika lill-kumpanija u jippermetti għall-wiri, t-tniżżil u l-istampar ta' data maħżuna fl-apparat tar-reġistrazzjoni li kien issakkar minn din il-kumpanija jew li ma ssakkar mill-ebda kumpanija."

1.3 Id-definizzjoni (f) għandha tinbidel b'dan li ġej:

"(s) 'tniżżil' tfisser::

L-ikkupjar, flimkien mal-firma diġitali, ta' parti, jew ta' sett komplut ta' fajls tad-data li huma maħżuna fil-memorja tad-data tal-vettura jew fil-memorja tal-biljett takografiku, li għalih din id-data hija meħtieġa biex tkun stabbilita l-konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 561/2006.

Il-manifatturi tal-unitajiet tat-takografi diġitali tal-vetturi u l-manifatturi tal-apparat iddisinjat u maħsub għat-tniżżil ta' fajls tad-data għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli biex jiżguraw li t-tniżżil ta' data bħal din ikun jista' jitwettaq b'dewmien minimu għall-intrapriżi tat-trasport jew għas-sewwieqa.

It-tniżżil ma jistax ibiddel jew iħassar id-data maħżuna. It-tniżżil tal-fajl iddettaljat tal-veloċità mhux bilfors li se jkun meħtieġ biex tkun stabbilita l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 561/2006, imma jista' jintuża għal raġunijiet oħrajn, bħal fl-investigazzjoni dwar xi inċident."

1.4 Fin-nota (1) ta' qiegħ il-paġna relatata mad-definizzjonijiet "n" u "p" għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Jistgħu jintużaw modi alternattivi biex jiġu kkalkulati l-ħin ta' sewqan kontinwu u l-ħin kumulattiv ta' serħan biex jissostitwixxu dawn id-definizzjonijiet jekk dawn ma jibqgħux jintużaw minħabba aġġornamenti f'leġiżlazzjoni oħra rilevanti".

2. **EMENDI GĦALL-KAPITOLU II (KARATTERISTIĊI ĠENERALI)**

2.1 Ir-Rekwiżit il-ġdid li ġej għandu jiddaħħal wara r-Rekwiżit 001:

"**Ir-Rekwiżit 001a** L-interface bejn is-sensorji tal-moviment u l-unitajiet tal-vetturi għandu jkun konformi mal-ISO 16844-3:2004, Cor 1:2006".

2.2 Ir-Rekwiżit 010 għandu jiġi emendat kif ġej:

— It-tielet inċiż għandu jitħassar.

— L-ewwel inċiż għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-funzjoni tat-tniżżil mhijiex aċċessibbli fil-modalità operattiva (minbarra kif ipprovdut fir-Rekwiżit 150), u minbarra fit-tniżżil ta' biljett tas-sewwieq meta l-ebda biljett ieħor ma jkun imdaħħal fl-UV."

2.3 It-tieni inċiż tar-Rekwiżit 011 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"— fil-modalità tal-kumpanija, id-data relatata mas-sewwieq (ir-rekwiżiti 081, 084 u 087) tista' tinħareġ biss għall-perjodi li għalihom ma teżisti l-ebda serratura jew li għalihom l-ebda kumpanija oħra ma għandha serratura (kif identifikat mill-ewwel 13-il ċifra tan-numru tal-biljett tal-kumpanija)."

3. **EMENDI GĦALL-KAPITOLU III (FUNZJONIJIET U REKWIŻITI)**

3.1 Ir-rekwiżit li ġej għandu jiddaħħal wara r-Rekwiżit 019:

"**Ir-Rekwiżit 019a** Sabiex wieħed jinduna bil-manipulazzjoni tad-data dwar il-moviment, it-tagħrif mis-sensorju tal-moviment għandu jkun ikkoraborat b'tagħrif dwar il-moviment tal-vettura meħud minn sors wieħed jew aktar li huwa/huma indipendenti mis-sensorju ta' moviment."

3.2 Ir-Rekwiżit 028 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 028** It-data u l-ħin tal-KĦU għandhom jintużaw sabiex tingħata data lid-data ta' ġol-apparat tar-reġistrazzjoni (ir-reġistrazzjonijiet, l-iskambju tad-data) u lill-printouts kollha speċifikati fl-Appendiċi 4 'Printouts' "

3.3 Ir-Rekwiżit 029 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 029** Sabiex ikun muri l-ħin lokali, għandu jkun possibbli li wieħed jibdel id-differenza fil-ħin muri, f'passi ta' nofs siegħa. L-ebda differenzi oħrajn, apparti l-multipli ta' nofs sigħat anqas jew aktar ma għandu jkun permess."

3.4 Ir-Rekwiżit 040 għandu jitħassar.

3.5 Ir-Rekwiżit 038, ir-Rekwiżit 041 u r-Rekwiżit 042 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 038** L-ewwel bidla tal-attività minn SERĦAN għal DISPONIBBILTÀ li ssir fi żmien 120 sekonda mill-bidla awtomatika għal XOGĦOL minħabba li l-vettura tieqaf se tiġi meħuda li saret fil-ħin li waqfet il-vettura (għalhekk possibbilment tħassar il-bidla għal XOGĦOL)."

"**Ir-Rekwiżit 041** Waqt minuta tal-kalendarju, jekk SEWQAN hija rreġistrata bħala l-attività kemm tal-minuta immedjatament qabel kif ukoll tal-minuta successiva, il-minuta kollha tittieħed bħala SEWQAN."

"**Ir-Rekwiżit 042** Waqt minuta tal-kalendarju li ma titqiesx bħala SEWQAN skont ir-rekwiżit 041 preċedenti, il-minuta sħiħa għandha titqies bħala tal-istess tip ta' attività bħall-itwal attività kontinwa f'dik il-minuta (jew l-aħħar waħda minn sensiela ta' attivitajiet tal-istess tul)."

3.6 Ir-Rekwiżiti 050, 050a u 050b għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 050** Għandu jkun possibbli li jiddaħħlu postijiet fejn il-perjodi ta' xogħol kuljum jibda u/jew jispiċċa permezz ta' kmandi mill-menus. Jekk aktar minn dħul wieħed bħal dan jintagħmel f'minuta tal-kalendarju, għandhom jibqgħu reġistrati biss l-aħħar dħul tal-post tal-bidu u l-aħħar dħul ta' post tat-tmiem."

"**Ir-Rekwiżit 50a** Hekk kif jiddaħħal il-biljett tas-sewwieq (jew tal-maħżen tax-xogħol), u biss f'dan il-ħin, l-apparat tar-reġistrazzjoni għandu jippermetti d-dħul manwali tal-attivitajiet. Għandu jkun possibbli li jsir dħul manwali, jekk meħtieġ, mal-ewwel darba li jiddaħħal biljett tas-sewwieq (jew tal-maħżen tax-xogħol) li ma jkunx intuża qabel.

Id-dħul manwali tal-attivitajiet għandu jsir bil-valuri lokali tal-ħin u tad-data taż-żona tal-ħin (id-differenza tal-KĦU) li tkun stipulata fl-unità tal-vettura dak il-ħin.

Hekk kif jiddaħħal il-biljett tas-sewwieq jew tal-maħżen tax-xogħol, id-detentur tal-biljett għandu jitfakkar dwar:

— Id-data u l-ħin ta' meta jkun ħareġ il-biljett tiegħu l-aħħar

— Mhux obbligatorji: id-differenza fil-ħin lokali attwalment stipulat għall-unità tal-vettura.

Għandu jkun possibbli li wieħed idaħħal attivitajiet, bir-restrizzjonijiet li ġejjin:

— It-tip ta' attività għandha tkun XOGĦOL, DISPONIBBLI jew BREJK/SERĦAN.

— Il-ħinijiet tal-bidu u tat-tmien ta' kull attività għandhom ikunu fi ħdan il-perjodu minn meta jkun tneħħa l-aħħar il-biljett sad-dħul attwali biss.

L-attivitajiet ma għandhomx jitħallew jidħlu f'xulxin f'termini ta' ħin.

Il-proċedura għad-dħul manwali tal-attivitajiet għandha tinkludi l-għadd ta' passi konsekuttivi li huma meħtieġa biex jiġu stipulati tip, ħin tal-bidu u ħin tat-tmiem għal kull attività. Għal kwalunkwe parti tal-perjodu tal-ħin minn meta jkun tneħħa l-aħħar il-biljett sad-dħul attwali tal-biljett, id-detentur tal-biljett għandu jkollu l-għażla li ma jiddikkjara l-ebda attività.

Matul id-dħul manwali assoċjat mad-dħul tal-biljett u jekk hu applikabbli, id-detentur tal-biljett għandu jkollu l-opportunità li jdaħħal:

— post fejn intemm il-perjodu tax-xogħol tal-jum ta' qabel, assoċjat mal-ħin rilevanti (jekk ma jkunx diġà ddaħħal meta jkun tneħħa l-aħħar il-biljett),

— post fejn beda l-perjodu tax-xogħol tal-jum attwali, assoċjat mal-ħin rilevanti.

Jekk jiddaħħal sit, dan għandu jkun irreġistrat fil-biljett takografiku rilevanti.

Id-dħul manwali għandu jiġi interrott jekk:

— jitneħħa l-biljett jew,

— il-vettura tkun miexja u l-biljett ikun fis-slott tas-sewwieq.

Huma permessi interruzzjonijiet addizzjonali, pereżempju skadenza wara ċertu perjodu ta' nuqqas ta' attività minnaħa tal-utent. Jekk id-dħul manwali jiġi interrott, l-apparat tar-reġistrazzjoni għandu jikkonferma kwalunkwe dħul komplut tal-post u tal-attività (jew permezz ta' post u ħin mhux ambigwi, jew permezz tat-tip tal-attività, il-ħin tal-bidu u l-ħin tat-tmiem) li jkunu diġà saru.

Jekk jiddaħħal biljett ieħor tas-sewwieq jew ta' maħżen tax-xogħol waqt li jkun qed isir id-dħul manwali tal-attivitajiet għal biljett li jkun iddaħħal qabel, id-dħul manwali għal dan il-biljett li ddaħħal qabel għandu jitħalla jitlesta qabel ma jibda d-dħul manwali għat-tieni biljett.

Id-detentur tal-biljett għandu jkollu l-għażla li jwettaq id-dħul manwali skont il-proċedura minima li ġejja:

daħħal l-attivitajiet b'mod manwali, f'ordni kronoloġika, għall-perjodu minn meta jkun tneħħa l-aħħar il-biljett sad-dħul attwali.

Il-ħin tal-bidu tal-ewwel attività għandu jkun stipulat skont il-ħin li fih ikun tneħħa l-biljett. Għal kull dħul li jiġi wara, il-ħin tal-bidu għandu jkun stipulat minn qabel sabiex isegwi b'mod immedjat il-ħin tat-tmiem tad-dħul preċedenti. It-tip ta' attività u l-ħin tat-tmiem għandhom jingħażlu għal kull attività.

Il-proċedura għandha tintemm meta l-ħin tat-tmiem ta' attività li tkun iddaħħlet manwalment ikun bħall-ħin tad-dħul tal-biljett. L-apparat tar-reġistrazzjoni jista' mbagħad, b'mod mhux obbligatorju, iħalli lid-detentur tal-biljett jimmodifika kwalunkwe attività li tkun iddaħħlet manwalment, sakemm ikun hemm il-konferma permezz tal-għażla ta' kmand speċifiku. Minn dak il-ħin 'il quddiem, għandha tkun ipprojbita kwalunkwe modifika bħal din."

"**Ir-Rekwiżit 50b** L-apparat tar-reġistrazzjoni għandu jħalli lis-sewweiq idaħħal, f'ħin reali, iż-żewġ kundizzjonijet speċifiċi li ġejjin:

'BARRA MILL-ISKOP' (il-bidu, it-tmiem)

'VJAĠĠ BIL-VAPURETT/BIT-TREN'

Ma jistax iseħħ 'VJAĠĠ BIL-VAPURETT/BIT-TREN' jekk tkun miftuħa l-kundizzjoni 'BARRA MILL-ISKOP'.

Il-kundizzjoni 'BARRA MILL-ISKOP' li tkun miftuħa għandha tingħalaq awtomatikament mill-apparat tar-reġistrazzjoni jekk il-biljett tas-sewwieq jiddaħħal jew jitneħħa.

Il-kundizzjoni 'BARRA MILL-ISKOP' li tkun miftuħa għandha timpedixxi l-avvenimenti u t-twissijiet li ġejjin:

— Is-sewqan mingħajr biljett xieraq,

— It-twissijiet assoċjati mal-ħin tas-sewqan kontinwu."

3.7 Ir-Rekwiżit 065 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 065** Dan l-avveniment għandu jinbeda f'kull każ ta' sewqan eċċessiv. Dan ir-rekwiżit għandu japplika biss għall-vetturi li jaqgħu fil-kategoriji M2, M3, N2 u N3, kif iddefiniti fl-Anness II għad-Direttiva 2007/46/KE, li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom".

3.8 It-test li ġej għandu jiddaħħal wara r-Rekwiżit 067:

"9.9 bis. *Avveniment ta' 'Kunflitt fil-Moviment tal-Vettura'*

Ir-Rekwiżit 067a Dan l-avveniment għandu jinbeda wkoll meta l-kejl tal-veloċità ta' żero ma jkunx jaqbel mat-tagħrif tal-moviment mogħti minn mill-anqas sors wieħed indipendenti għal aktar minn minuta bla interruzzjoni.

Ir-Rekwiżit 067b Fil-każijiet fejn l-unità tal-vettura tista' tirċievi jew telabora valuri tal-veloċità minn sors estern u indipendenti tat-tagħrif dwar il-moviment, dan l-avveniment jista' jinbeda wkoll jekk valuri tal-veloċità bħal dawn jikkontradixxu b'mod sinifikanti dawk elaborati mis-sinjal tal-veloċità tas-sensorju tal-moviment għal aktar minn minuta waħda".

3.9 Fir-Rekwiżit 094 għandha tiddaħħal il-linja li ġejja wara l-avveniment "żball fid-data tal-moviment"

Kunflitt fil-Moviment tal-Vettura	— l-itwal avveniment għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem li fihom seħħ il-kunflitt — l-itwal ħames (5) avvenimenti fuq l-aħħar 365 jum.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-avveniment, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-avveniment, — it-tip ta' biljett, in-numru u l-Istat Membru li jkun ħareġ kwalunkwe biljett li jkun iddaħħal fil-bidu u/jew fit-tmiem tal-avveniment, — l-għadd ta' avvenimenti simili matul dak il-jum.

3.10 Ir-Rekwiżit 104 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 104** L-apparat tar-reġistrazzjoni għandu jirreġistra u jaħżen fil-memorja tad-data tiegħu d-data li ġejja li hi rilevanti għall-255 serratura l-aktar riċenti tal-kumpanija:

— id-data u l-ħin tas-sokor ġewwa,

— id-data u l-ħin tas-sokor barra,

— in-numru tal-Biljett tal-Kumpanija u l-Istat Membru li jkun ħareġ il-biljett,

— L-isem u l-indirizz tal-kumpanija.

Id-data li tkun issakkret preċedentement minn serratura li tneħħiet mill-memorja minħabba l-limitu ta' ħawn fuq, għandha tiġi ttrattata bħala data li mhix imsakkra".

3.11 Wara r-Rekwiżit 109a, għandu jiddaħħal ir-rekwiżit li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 109b** L-avveniment tal-'Kunflitt fil-Moviment tal-Vettura' ma għandux jinħażen fuq il-biljetti tas-sewwieq u tal-maħżen tax-xogħol."

3.12 Ir-Rekwiżit 114a għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 114a** L-iskrin għandu jappoġġa l-karattri speċifikati fl-Appendiċi 1 tal-Kapitolu 4 'Settijiet ta' karattri'. L-iskrin jista' juża glifi ssimplifikati (pereżempju karattri b'aċċent jistgħu jintwerew mingħajr l-aċċent jew ittri żgħar jistgħu jintwerew bħala ittri kbar)".

3.13 Ir-Rekwiżit 121 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 121** Meta l-ebda tagħrif ieħor ma jkun jeħtieġ li jintwera, l-apparat tar-reġistrazzjoni għandu juri, fin-nuqqas ta' tagħrif ieħor, dan li ġej:

— il-ħin lokali (b'riżultat tal-ħin tal-KĦU + id-differenza kif kienet issettjata mis-sewwieq),

— il-modalità tal-operazzjoni,

— l-attività attwali tas-sewwieq u l-attività attwali tal-assistent tas-sewwieq.

Tagħrif relatat mas-sewwieq:

— jekk l-attività attwali tiegħu hija s-SEWQAN, il-ħin attwali ta' sewqan kontinwu tiegħu u l-ħin kumulattiv ta' serħan attwali tiegħu,

— jekk l-attività attwali tiegħu mhijiex SEWQAN, id-dewmien tal-attività attwali (minn meta ntgħażlet) u l-ħin kumulattiv ta' serħan attwali tiegħu."

3.14 Ir-Rekwiżit 127 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 127** Għandu jkun possibbli li jintwera selettivament fuq talba:

— id-data u l-ħin tal-KĦU, u d-differenza fil-ħin lokali,

— il-kontenut ta' kwalunkwe waħda mis-sitt printouts bl-istess format tal-printouts stess,

— il-ħin tas-sewqan kontinwu u l-ħin kumulattiv ta' serħan tas-sewwieq,

— il-ħin tas-sewqan kontinwu u l-ħin kumulattiv ta' serħan tal-assistent tas-sewwieq,

— il-ħin kumulattiv tas-sewqan tas-sewwieq għall-ġimgħa ta' qabel u għal dik attwali,

— il-ħin kumulattiv tas-sewqan tal-assistent tas-sewwieq għall-ġimgħa ta' qabel u għal dik attwali,

Fakultattivi:

— id-dewmien tal-attività attwali tal-assistent tas-sewwieq (minn meta ntgħażlet),

— il-ħin kumulattiv tas-sewqan tas-sewwieq għall-ġimgħa attwali,

— il-ħin kumulattiv tas-sewqan tas-sewwieq għall-perjodu attwali tax-xogħol ta' kuljum,

— il-ħin kumulattiv tas-sewqan tal-assistent tas-sewwieq għall-perjodu attwali tax-xogħol ta' kuljum".

3.15 Ir-Rekwiżit 133a għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 133a** Il-printer għandu jappoġġa l-karattri speċifikati fl-Appendiċi 1 tal-Kapitolu 4 'Settijiet ta' karattri' ".

3.16 Ir-Rekwiżit 136 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 136** It-karta tal-printout użata mill-apparat tar-reġistrazzjoni għandha turi l-marka rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip u l-indikazzjoni tat-tip(i) tal-apparat tar-reġistrazzjoni li miegħu/magħhom tista' tintuża."

3.17 Ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara r-Rekwiżit 136:

"**Ir-Rekwiżit 136a** Il-printouts għandhom jibqgħu jinqraw u jibqgħu identifikabbli b'mod ċar f'kundizzjonijiet ta' ħażna normali, f'termini tal-intensità tad-dawl, l-umdità u t-temperatura, għal mill-inqas sentejn.

Ir-Rekwiżit 136b Il-karta tal-printout għandhom ikunu konformi ma' mill-inqas l-ispeċifikazzjonijiet tat-test iddefiniti fis-sit tal-internet tal-laboratorju magħżul biex iwettaq it-testijiet tal-interoperabbiltà, kif stipulat fir-Rekwiżit 278.

Ir-Rekwiżit 136c Kull emenda jew aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-paragrafu t'hawn fuq għandhom isiru biss wara li l-laboratorju magħżul ikun ikkonsulta l-manifattur tal-unità tal-vettura bit-takografu diġitali bl-approvazzjoni tat-tip flimkien mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip".

3.18 Ir-Rekwiżit 141 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 141** L-apparat tar-reġistrazzjoni għandu jagħti twissija lis-sewwieq 15-il minuta qabel ma jinqabeż il-ħin massimu ta' sewqan kontinwu permess u fil-ħin li dan jinqabeż."

3.19 Ir-Rekwiżit 145 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 145** F'dan l-aħħar każ, għandu jkollu s-simbolu 'T' ".

3.20 Wara r-Rekwiżit 161, għandu jiddaħħal ir-rekwiżit li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 161a** Is-sensorji tal-moviment għandhom jew:

— jirreaġixxu għal żona manjetika li tfixkel il-kxif tal-moviment tal-vettura. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-unità tal-vettura se tirreġistra u taħżen ħsara fis-sensorju (ir-Rekwiżit 70) jew,

ikollhom element sensorjali li huwa protett miż-żoni manjetiċi, jew li huwa immuni għalihom."

4. **EMENDI GĦALL-KAPITOLU V (L-ISTALLAZZJONI)**

4.1 Ir-Rekwiżit 239 għandha tiżdiedlu s-sentenza li ġejja:

"It-tqassim tal-partijiet tas-sigurtà rilevanti tal-apparat tar-reġistrazzjoni jista' jkun ristrett jekk ikun meħtieġ matul iċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà".

4.2 Ir-Rekwiżit 243 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 243** Il-manifatturi tal-vettura jew fitters għandhom jattivaw l-apparat tar-reġistrazzjoni installat l-iktar tard qabel ma l-vettura tintuża skont l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 561/2006".

4.3 Ir-Rekwiżit 248 u r-Rekwiżit 249 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 248** L-installazzjoni għandha tiġi segwita b'kalibrazzjoni. L-ewwel kalibrazzjoni mhux bilfors tkun tinkludi d-dħul tan-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura (in-NRV), meta ma jkunx magħruf mill-maħżen tax-xogħol approvat li jkun qed jieħu ħsieb il-kalibrazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jkun possibbli għal sid il-vettura, u f'dan il-ħin biss, li jdaħħal in-NRV billi juża l-Biljett tal-Kumpanija tiegħu qabel ma juża l-vettura skont l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 (pereżempju billi juża l-kmandi permezz ta' struttura xierqa tal-menu tal-interface tal-magna u l-bniedem tal-unità tal-vettura.) ([1]). Kull aġġornament jew konferma ta' dan id-dħul għandu jkun possibbli biss bl-użu ta' Biljett tal-Maħżen tax-Xogħol.

Ir-Rekwiżit 249 Wara li l-apparat tar-reġistrazzjoni jkun ġie ċċekkjat mal-installazzjoni, plakka tal-installazzjoni li hija viżibbli b'mod ċar u aċċessibbli faċilment għandha titwaħħal fuq l-apparat tar-reġistrazzjoni. F'każijiet fejn dan mhux possibbli, il-plakka għandha titwaħħal fuq il-pilastru 'B' tal-vettura sabiex tkun viżibbli b'mod ċar. Għall-vetturi li ma għandhomx il-pilastru 'B', il-plakka tal-istallazzjoni għandha titwaħħal mal-qafas tal-bieba tan-naħa tas-sewwieq tal-vettura u għandha tkun viżibbli b'mod ċar fil-każijiet kollha.

BWara kull spezzjoni minn fitter jew minn maħżen tax-xogħol approvat, plakka ġdida għandha titwaħħal flok dik ta' qabilha".

4.4 Fir-Rekwiżit 250, is-sitt inċiż għandu jinbidel b'dan li ġej:

"id-data li fiha tkejlu l-koeffiċjent li huwa karatteristiku tal-vettura u ċ-ċirkonferenza effettiva tat-tajers tar-roti".

4.5 Wara r-Rekwiżit 250 għandu jiddaħħal ir-rekwiżit li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 250a** Għall-vetturi M1 u N1 biss, li huma mmuntati b'adapter f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 68/2009 ([2]), u fejn mhux possibbli li jkun inkluż it-tagħrif kollu meħtieġ, kif deskritt fir-Rekwiżit 250, tista' tintuża plakka oħra addizzjonali. F'każijiet bħal dawn, din il-plakka addizzjonali għandu jkollha mill-anqas l-aħħar erba' inċiżi deskritti fir-Rekwiżit 250.

Din it-tieni plakka addizzjonali, jekk tintuża, għandha titwaħħal fejn jew ħdejn l-ewwel plakka primarja deskritta fir-Rekwiżit 250, u għandu jkollha l-istess livell ta' protezzjoni. Barra minn hekk, il-plakka sekondarja wkoll għandu jkollha l-isem, l-indirizz u l-isem kummerċjali tal-fitter jew tal-maħżen tax-xogħol approvat li jkun wettaq l-installazzjoni, u d-data tal-installazzjoni".

5. **EMENDI GĦALL-KAPITOLU VI (L-ISPEZZJONIJIET)**

5.1 Ir-Rekwiżit 257 għandu jiġi emendat kif ġej:

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 21, 24.1.2009, p. 3.

Ir-raba' inċiż għandu jinbidel b'dan li ġej: "– li l-plakka tal-installazzjoni, kif iddefinita fir-Rekwiżit 250, u l-plakka deskrittiva, kif iddefinita fir-Rekwiżit 169, jitwaħħlu" u għandu jiżdied l-inċiż li ġej: "– li mal-apparat ma jkun hemm l-ebda strument ta' manipulazzjoni mwaħħal".

5.2 Ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara r-Rekwiżit 257:

"**Ir-Rekwiżit 257a** Jekk jinstab li seħħ wieħed mill-avvenimenti mniżżlal fis-Sezzjoni 9 tal-Kapitolu III (Kxif ta' Avvenimenti u/jew ta' Ħsarat) mill-aħħar spezzjoni 'l hawn u dan jitqies mill-manifattur tat-takografu u/jew mill-awtoritajiet nazzjonali bħala avveniment li jista' potenzjalement ipoġġi s-sigurtà tal-apparat f'riskju, il-maħżen tax-xogħol għandu:

(a) jikkompara d-data ta' identifikazzjoni tas-sensorju tal-moviment li hemm fil-kaxxa tal-ġerijiet ma' dik tas-sensorju tal-moviment akkoppjata u rreġistrata fl-unità tal-vettura;

(b) jiċċekkja jekk it-tagħrif irreġistrat fuq il-plakka tal-installazzjoni taqbilx mat-tagħrif li hemm fir-reġistru tal-unità tal-vettura;

(c) billi jiċċekkja jekk in-numru tas-serje tas-sensorju tal-moviment u n-numru tal-approvazzjoni, jekk ikun stampat fuq il-qafas tas-sensorju tal-moviment, jaqbilx mat-tagħrif li hemm fir-reġistru tal-unità tal-vettura.

Ir-Rekwiżit 257b L-imħażen tax-xogħol għandhom iżommu traċċa ta' kwalunkwe sejba ta' siġilli miksura jew ta' strumenti ta' manipulazzjoni fir-rapporti tal-ispezzjoni tagħhom. Dawn ir-rapporti għandhom jinżammu għal mill-anqas sentejn mill-imħażen tax-xogħol u għandhom jitqiegdu għad-dispożizzjoni tal-Awtorità Kompetenti meta din titlobhomlhom".

6. **EMENDI GĦALL-KAPITOLU VII (IL-ĦRUĠ TAL-BILJETTI)**

6.1 Ir-rekwiżit li jmiss għandu jiddaħħal wara r-Rekwiżit 268:

"**Ir-Rekwiżit 268a** L-Istati Membri għandu jkollhom skambju tad-data b'mod elettroniku sabiex jiżguraw l-uniċità tal-Biljett tas-Sewwieq tat-takografu li jkunu qed joħorġu.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu skambju tad-data b'mod elettroniku meta jkunu qed iwettqu verifiki tal-biljetti tas-sewwieq mal-ġenb tat-triq jew fil-bini tal-kumpanija sabiex jivverifikaw l-uniċità u l-istatus tal-biljetti."

7. **EMENDI GĦALL-KAPITOLU VIII (L-APPROVAZZJONI TAT-TIP)**

7.1 Fis-Sezzjoni 1 "Punti Ġenerali", għandha tiżdied sentenza ġdida mal-ewwel paragrafu:

"Kwalunkwe manifattur tal-unitajiet tal-vetturi jista' jistaqsi għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tagħhom ma' kwalunkwe tip ta' sensorju tal-moviment, u viċeversa, sakemm kull komponent ikun konformi mar-Rekwiżit 001a".

7.2 Wara r-Rekwiżit 274, għandhom jiddaħħlu r-rekwiżiti li ġejjin:

"**Ir-Rekwiżit 274a** Fiċ-ċirkustanza eċċezzjonali li l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà jirrifjutaw li jiċċertifikaw apparat ġdid fuq il-bażi tal-ħruġ mill-użu tal-mekkaniżmi tas-sigurtà, l-approvazzjoni tat-tip għandha tkompli tingħata biss f'din iċ-ċirkustanza speċifika u eċċezzjonali, u meta ma tkun teżisti l-ebda soluzzjoni alternattiva li tkun konformi ma' dan ir-Regolament.

Ir-Rekwiżit 274b F'din iċ-ċirkustanza, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-Kummissjoni Ewropea, li għandha, fi żmien tnax-il xahar tal-kalendarju mill-għoti tal-approvazzjoni tat-tip, tniedi proċedura biex tiżgura li l-livell tas-sigurtà jitreġġa' lura għal-livelli oriġinali tiegħu."

7.3 Wara r-Rekwiżit 275, għandu jiddaħħal ir-rekwiżit li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 275a** Il-manifatturi għandhom jipprovdu l-kampjuni rilevanti tal-prodotti bl-approvazzjoni tat-tip u d-dokumentazzjoni assoċjata meħtieġa mil-laboratorji magħżula sabiex iwettqu t-testijiet tal-funzjonament, u għandhom jagħmlu dan fi żmien xahar minn meta ssir it-talba. Kull spiża li tinħoloq bħala riżultat ta' din it-talba għandha titħallas mill-entità li tkun qed tagħmel it-talba. Il-laboratorji għandhom jittrattaw l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva kollha b'mod kunfidenzjali".

7.4 Wara r-Rekwiżit 277, għandu jiddaħħal ir-rekwiżit li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 277a** Iċ-ċertifikat funzjonali ta' kwalunkwe komponent tal-apparat tar-reġistrazzjoni għandu wkoll jindika n-numri tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti kollha l-oħra tal-apparat tar-reġistrazzjoni li huma kompatibbli u li għandhom l-approvazzjoni tat-tip".

7.5 Ir-Rekwiżit 281 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżit 281** Ma għandu jitwettaq l-ebda test tal-interoperabblità mil-laboratorju għall-apparat tar-reġistrazzjoni jew għall-biljetti takografiċi li ma jkunux ingħataw ċertifikat tas-sigurtà u ċertifikat tal-funzjonalità, sakemm ma jkunx hemm iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali deskritti fir-Rekwiżit 274a."

8. **EMENDI GĦALL-APPENDIĊI 1 (ID-DIZZJUNARJU TAD-DATA)**

8.1 It-Taqsima 2.2 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"2.2 **Address**

Indirizz.

Address: = SEQUENCE {

codePageINTEGER (0..255),

addressOCTET STRING (SIZE(35))

}

codePage jispeċifika sett ta' karattri ddefinit fil-Kapitolu 4,

address huwa indirizz imqiegħed f'kodiċi bl-użu tas-sett ta' karattri speċifikat".

8.2 Fis-Sezzjoni 2.54, il-linja " '0A'H sa '0F' H RFU," għandha tinbidel b'dan li ġej:

" '0A' H	Kunflitt fil-Moviment tal-Vettura,
'0B' H sa '0F' H	RFU,"

8.3 It-Taqsima 2.70 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"2.70 **Name**

Isem.

Name: = SEQUENCE {

codePageINTEGER (0..255),

nameOCTET STRING (SIZE(35))

}

codePage jispeċifika sett ta' karattri ddefinit fil-Kapitolu 4,

name huwa isem imqiegħed f'kodiċi bl-użu tas-sett ta' karattri speċifikat".

8.4 It-Taqsima 2.114 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"2.114 **VehicleRegistrationNumber**

In-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura (NRV). In-numru tar-reġistrazzjoni huwa assenjat mill-awtorità tal-liċenzji tal-vetturi.

VehicleRegistrationNumber: = SEQUENCE {

codePage INTEGER (0..255),

vehicleRegNumber OCTET STRING (SIZE(13))

}

codePage jispeċifika sett ta' karattri ddefinit fil-Kapitolu 4,

vehicleRegNumber huwa NRV imqiegħed f'kodiċi bl-użu tas-sett ta' karattri speċifikat.

L-għoti ta' valur: huwa speċifiku għall-pajjiż".

8.5 L-aħħar paragrafu tal-Kapitolu 4 għandu jinbidel bit-test li ġej:

"Sekwenzi ta' karattri oħrajn (Address, Name, VehicleRegistration-Number) barra minn hekk jużaw karattri mill-medda ta' kodiċi ta' karattri deċimali bejn il-161 u l-255 mis-settijiet standard tal-karattri, bi 8 "bits", speċifikati min-numru tal-Paġna tal-Kodiċi li ġej: Sett Standard tal-Karattri	Il-paġna tal-Kodiċi (f'numru deċimali)
ISO/IEC 8859-1 Latin-1 tal-Ewropa tal-Punent	1
ISO/IEC 8859-2 Latin-2 tal-Ewropa Ċentrali	2
ISO/IEC 8859-3 Latin-3 tan-Nofsinhar tal-Ewropa	3
ISO/IEC 8859-5 Latin/Ċirilliku	5
ISO/IEC 8859-7 Latin/Grieg	7
ISO/IEC 8859-9 Latin-5 Tork	9
ISO/IEC 8859-13 Latin-7 tax-xifer Baltiku	13
ISO/IEC 8859-15 Latin-9	15
ISO/IEC 8859-16 Latin-10 tax-Xlokk tal-Ewropa	16
KOI8-R Latin/Ċirilliku	80
KOI8-U Latin/Ċirilliku	85"

8.6 Fil-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.67 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"2.67 ManufacturerCode

Kodiċi li jidentifika l-manifattur tal-apparat bl-approvazzjoni tat-tip.

ManufacturerCode: = INTEGER (0..255)

Il-laboratorju li għandu l-kompetenza jwettaq it-testijiet tal-interoperabbiltà jżomm u jippubblika l-lista tal-kodiċijiet tal-manifattui fuq is-sit tal-internet tiegħu (ir-rekwiżit 290).

Il-kodiċijiet "ManufacturerCodes" huma assenjati b'mod temporanju lill-iżviluppaturi tal-apparat tat-takografu meta japplikaw mal-laboratorju li jkollu l-kompetenza jwettaq it-testijiet tal-interoperabbiltà".

8.7 It-Taqsima 2.71 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"2.71 NationAlpha

Ir-riferenza alfabetika għall-pajjiż għandha tkun skont is-sinjali ta' distinzjoni wżati fil-vetturi fit-traffiku internazzjonali (il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Traffiku fit-Triq li saret fi Vjenna fl-1968).

NationAlpha: = IA5String (SIZE (3))

Il-kodiċi Nation Alpha u dawk numeriċi għandhom jinżammu fuq lista li tinżamm fuq is-sit tal-internet tal-laboratorju magħżul sabiex iwettaq it-testijiet tal-interoperabbiltà, kif stipulat fir-Rekwiżit 278".

8.8 It-Taqsima 2.72 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"2.72 NationNumeric

Riferenza numerika għall-pajjiż.

NationNumeric: = INTEGER (0.. 255)

L-għoti ta' valur: ara t-tip ta' data 2.71 (NationAlpha)

Kull emenda jew aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tan-Nation Alpha jew Numeric deskritti fil-paragrafu t'hawn fuq għandu jsir biss wara li l-laboratorju magħżul ikun kiseb l-opinjonijiet tal-manifatturi tal-unitajiet tal-vettura tat-takografu diġitali bl-approvazzjoni tat-tip."

9. **EMENDI GĦALL-APPENDIĊI 3 (SIMBOLI BL-ISTAMPI)**

9.1 Ir-Rekwiżit PIC_001 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"PIC_001 L-apparat tar-registrazzjoni jista' juża s-simboli bl-istampi u t-tagħqid flimkien tas-simboli bl-istampi li gejjin (jew simboli bl-istampi u tagħqid flimkien simili biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu identifikati ma' dawn t'hawn taħt mingħajr ambigwità)":

9.2 Fis-sottotaqsima "Avvenimenti" tat-Taqsima 2, għandu jiżdied is-simbolu bl-istampa li ġej:

" Kunflitt fil-Moviment tal-Vettura"

10. **EMENDI GĦALL-APPENDIĊI 4 (PRINTOUTS)**

10.1 Fit-Taqsima 2, Speċifikazzjoni tal-Blokk tad-data l-PRT_006 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"PRT_006 Il-printouts għandhom jużaw il-blokki tad-data u/jew ir-reġistri tad-data li ġejjin, skont it-tifsiriet u l-formati li ġejjin:

In-numru tar-reġistru jew tal-blokk It-tifsira	Il-format tad-data
1 ***Id-data u l-ħin ta' meta ġie pprintjat id-dokument.***	jj/xx/ssss ss:mm **(KĦU)**
2 ***It-tip tal-printout.***	
L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - - - - - - - - - - - - -
Printout tat-tagħqid tas-simboli bl-istampi (ara l-Appendiċi 3), l-issettjar tal-apparat li jillimita l-veloċità (Printout tas-sewqan eċċessiv biss)	Picto xxx **km/h**
3 ***L-identifikazzjoni tad-detentur tal-biljett***	
L-identifikatur tal-blokk. P = simboli bl-istampi tan-nies	- - - - - - - - - -P- - - - - - - - - -
Il-kunjom id-detentur tal-biljett	P Last_Name_____
L-isem/l-ismijiet tad-detentur tal-biljett (jekk ikun hemm)	First_Name _____
L-identifikazzjoni tal-biljett	Card_Identification_____
Id-data ta' meta jiskadi l-biljett (jekk ikun hemm);	dd/mm/yyyy
Jekk il-biljett ma jkunx wieħed personali, u ma jkollux il-kunjom tad-detentur tal-biljett, minfloku għandu jiġi isem il-kumpanija jew il-maħżen tax-xogħol jew il-korp tal-kontroll.	
4 ***L-identifikazzjoni tal-vettura***	
L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - - - - - - - - - - - - -
In-NIV	VIN _____
L-Istat Membru li qed jirreġistra l-vettura u n-NRV	Nat/VRN _____

5 ***L-identifikazzjoni tal-Unità tal-Vettura (UV)***

L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - -⊟- - - - - - - - -
L-isem tal-manifattur tal-UV	⊟ VU_Manufacturer _____
In-numru tal-parti tal-UV	VU_Part_Number_____

6 ***L-aħħar kalibrazzjoni tal-apparat tar-reġistrazzjoni***

L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - -⊤- - - - - - - - -
L-isem tal-maħżen tax-xogħol	⊤ Last_Name_____
L-identifikazzjoni tal-biljett tal-maħżen tax-xogħol	Card_Identification_____
Id-data tal-kalibrazzjoni	⊤ dd/mm/yyyy

7 ***L-aħħar kontroll (minn uffiċjal tal-kontroll)***

L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - -⊡- - - - - - - - -
L-identifikazzjoni tal-biljett tal-kontrollur	Card_Identification_____
Id-data, ħin u tip tal-kontroll	⊡ dd/mm/yyyy hh:mm pppp

It-tip ta' kontroll: Sa erba' simboli bl-istampi. It-tip ta' kontroll jista' jkun (tagħqida) ta':

⊟: tniżżil tal-biljett, ⊽: tniżżil tal-UV, ⊤: ipprintjar, □: turija ta' karattri fuq l-iskrin

8 ***L-attivitajiet tas-sewwieq maħżuna fuq biljett skont l-ordni ta' kif seħħu***

L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - -⊙- - - - - - - - -
Id-data tal-istħarriġ (il-jum kalendarju ta' meta nħarġet il-karta stampata) + il-kalkulatur tal-preżenza ta' kuljum tal-biljett	dd/mm/yyyy xxx

8a *Il-kundizzjoni ta' barra mill-iskop fil-bidu ta' dan il-jum* (halli vojta jekk m'hemmx kundizzjoni ta' barra mill-iskop miftuħa) - - - - - - - - OUT - - - - - - -

8.1 *Perjodu li matulu l-biljett ma kienx imdaħħal*

8.1a	*L-identifikatur tar-reġistru* (il-bidu tal-perjodu)	- - - - - - - - - - - - - - - - - -
8.1b	*Perjodu mhux magħruf.* Il-ħin tal-bidu, it-tul tal-perjodu	?: hh:mm hhhmm
8.1c	*Attività mdaħħla manwalment.*	A: hh:mm hhhmm
	Is-simbolu bl-istampa tal-attività, il-ħin tal-bidu, it-tul tal-attività	

8.2 *Id-dħul tal-biljett fis-slott S*

L-identifikatur tar-reġistru; S = Is-simbolu bl-istampa tas-slott	- - - - - - - - -S - - - - - - - - -
L-Istat Membru li qed jirreġistra l-vettura u n-NRV	Nat/VRN _____
L-odometer tal-vettura mad-dħul tal-biljett	x xxx xxx **km**

8.3 *Attività (waqt li l-biljett kien imdaħħal)*

Is-simbolu bl-istampa tal-attività, il-ħin tal-bidu, it-tul tal-attività, l-istatus tal-ekwipaġġ (is-simbolu bl-istampa tal-ekwipaġġ jekk EKWIPAĠĠ, vojta jekk SINGOLU	A: hh:mm hh**h**mm

8.3a *Kundizzjoni speċifika* Il-ħin tad-dħul, is-simbolu bl-istampi tal-kundizzjoni speċifika (jew it-tagħqida tas-simboli bl-istampi).

	hh:mm - - - pppp - - -

8.4 *It-tneħħija tal-biljett*

L-odometer tal-vettura u d-distanza vvjaġġata mill-aħħar dħul li għalih huwa magħruf l-odometer	x xxx xxx **km;** x xxx **km**

9 ***L-attivitajiet tas-sewwieq maħżuna f'UV għal kull slott f'ordni kronoloġika***

L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - - - - - - - - - - - - -
Id-data tal-istħarriġ (il-jum kalendarju ta' meta nħarġet il-printout)	dd/mm/yyyy
L-odometer tal-vettura f'00:00 u f'24:00	x xxx xxx – x xxx xxx **km**

10 ***L-attivitajiet imwettqa fis-slott S***

L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - - - -S- - - - - - - -
10a *Il-kundizzjoni ta' barra mill-iskop fil-bidu ta' dan il-jum* (ħalli vojta jekk m'hemmx kundizzjoni ta' barra mill-iskop miftuħa)	- - - - - - - - -OUT- - - - - - - -

10.1 *Perjodu li matulu l-ebda biljett ma kien imdaħħal fis-slott S*

L-identifikatur tar-reġistru	- - - - - - - - - - - - - - - - - - - -
Ebda biljett imdaħħal	- - -
L-odometer tal-vettura fil-bidu tal-perjodu	x xxx xxx **km**

10.2 *Id-dħul tal-biljett*

L-identifikatur tar-reġistru tad-dħul tal-biljett	- - - - - - - - - - - - - - - - - - - -
L-isem tas-sewwieq	Last_Name_____
L-isem tas-sewwieq	First_Name _____
L-identifikazzjoni tal-biljett tas-sewwieq	Card_Identification_____
Id-data ta' meta jiskadi l-bilijett tas-sewwieq	dd/mm/yyyy
L-Istat Membru li qed jirreġistra l-vettura u n-NRV tal-vettura wżata qabel	Nat/VRN_____
Id-data u l-ħin ta' meta l-biljett jitneħħa mill-vettura preċedenti	dd/mm/yyyy hh:mm
Linja vojta	
L-odometer tal-vettura meta jiddaħħal il-biljett, id-dħul manwali tal-bnadar tal-attivitajiet tas-sewwieq (M jekk iva, Vojt jekk le)	x xxx xxx **km M**
Jekk ma jkun iddaħħal l-ebda biljett tas-sewwieq fil-ġurnata meta tinħareġ il-printout, għall-blokk 10.2 għandha tintuża d-"data" tal-odometer li tkun inqrat l-aħħar darba li jkun iddaħħal biljett qabel dik il-ġurnata.	

10.3 *Attività*

Is-simbolu bl-istampa tal-attività, il-ħin tal-bidu, it-tul tal-attività, l-istatus tal-ekwipaġġ (is-simbolu bl-istampa tal-ekwipaġġ jekk EKWIPAĠĠ, vojta jekk SINGOLU	A ÷ hh:mm hhhmm ⊙⊙

10.3a *Kundizzjoni speċifika* Il-ħin tad-dħul, is-simbolu bl-istampi tal-kundizzjoni speċifika (jew it-tagħqida tas-simboli bl-istampi).

hh:mm - - - pppp - - -

10.4 *It-tneħħija tal-biljett jew tmiem il-perjodu tal-'Ebda Biljett'*

L-odometer tal-vettura meta jitneħħa l-biljett jew mat-tmiem tal-perjodu tal-'ebda biljett' u d-distanza vvjaġġata mid-dħul, jew mill-bidu tal-perjodu tal-'Ebda Biljett'.	x xxx xxx **km;** x xxx **km**

11 ***Is-sommarju ta' kuljum***

L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - - -Σ- - - - - - - - -

11.1 ***Is-sommarju tal-UV tal-perjodi mingħajr biljett fis-slott tas-sewwieq***

L-identifikatur tal-blokk	1⊙▬- - -

11.2 ***Is-sommarju tal-UV tal-perjodi mingħajr biljett fis-slott tal-assistent tas-sewwieq***

L-identifikatur tal-blokk	2⊙▬- - -

11.3 ***Is-sommarju ta' kuljum tal-UV għal kull sewwieq***

L-identifikatur tar-reġistru	- - - - - - - - - - - - - - - - - -
Il-kunjom tas-sewwieq	⊙ Last_Name_____
L-isem tas-sewwieq	First_Name _____
L-identifikazzjoni tal-biljett tas-sewwieq	Card_Identification_____

11.4 *Id-dħul tal-post fejn il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum jibda u/jew jispiċċa*

pi = simbolu bl-istampi tal-post tal-bidu/tat-tmiem, il-ħin, il-pajjiż, ir-regjun,	pihh:mm Cou Reg
L-odometer	x xxx xxx **km**

11.5 *It-totali tal-attivitajiet (minn biljett)*

It-tul totali tas-sewqan, id-distanza vvjaġġata	⊙ hh**h**mm x xxx **km**
It-tul totali tax-xogħol u tad-disponibbiltà	⚒ hh**h**mm ⧈ hh**h**mm
It-tul totali tas-serħan u tal-attivitajiet mhux magħrufin	⊨ hh**h**mm ? hh**h**mm
It-tul totali tal-attivitajiet tal-ekwipaġġ	⊙⊙ hh**h**mm

11.6 *It-totali tal-attivitajiet (għall-perjodi mingħajr slott tal-biljett tas-sewwieq)*

It-tul totali tas-sewqan, id-distanza vvjaġġata	hh**h**mm x xxx **km**
It-tul totali tax-xogħol u tad-disponibbiltà	hh**h**mm hh**h**mm
It-tul totali tas-serħan	hh**h**mm

11.7 *It-totali tal-attivitajiet (għall-perjodi mingħajr slott tal-biljett tal-assistent tas-sewwieq)*

It-tul totali tax-xogħol u tad-disponibbiltà	hh**h**mm hh**h**mm
It-tul totali tas-serħan	hh**h**mm

11.8 *It-totali tal-attivitajiet (għal kull sewwieq bl-inklużjoni taż-żewġ slottijiet)*

It-tul totali tas-sewqan, id-distanza vvjaġġata	hh**h**mm x xxx **km**
It-tul totali tax-xogħol u tad-disponibbiltà	hh**h**mm hh**h**mm
It-tul totali tas-serħan	hh**h**mm
It-tul totali tal-attivitajiet tal-ekwipaġġ	hh**h**mm

Meta tkun meħtieġa printout ta' kuljum għall-jum attwali, l-informazzjoni fil-qosor ta' kuljum tiġi kkalkulata bl-użu tad-data disponibbli fil-ħin meta tinħareġ il-printout.

12 ***L-avvenimenti u/jew ħsarat maħżuna fil-biljett***

12.1 L-identifikatur tal-blokk għall-aħħar 5 'Avvenimenti u Ħsarat' fuq il-biljett	- - - - - - - - -!×- - - - - - - - -
12.2 L-identifikatur tal-blokk għall-'Avvenimenti' kollha rreġistrati fuq il-biljett.	- - - - - - - - -!- - - - - - - - -
12.3 L-identifikatur tal-blokk għall-'Ħsarat' kollha rreġistrati fuq il-biljett.	- - - - - - - - -×- - - - - - - - -

12.4 *Ir-reġistrazzjoni ta' Avveniment u/jew ta' Ħsara*

L-identifikatur tar-reġistru	- - - - - - - - - - - - - - - - - -
Is-simbolu bl-istampa tal-avveniment/tal-ħsara, l-għan tar-reġistru, id-data u l-ħin tal-bidu,	Pic (p) dd/mm/yyyy hh:mm
Il-kodiċi tal-avveniment/tal-ħsara addizzjonali (jekk ikun hemm), it-tul	! xx hh**h**mm
L-Istat Membru li qed jirreġistra l-vettura u n-NRV tal-vettura li fiha seħħ l-avveniment jew li fiha seħħet il-ħsara	Nat/VRN _____

13 ***L-avvenimenti u/jew il-ħsarat maħżuna jew li għadhom għaddejjin fl-UV***

13.1 L-identifikatur tal-blokk għall-aħħar 5 'Avvenimenti u Ħsarat' f'UV	- - - - - - - - -!×- - - - - - - - -
13.2 L-identifikatur tal-blokk għall-'Avvenimenti' kollha maħżuna jew li għadhom għaddejjin f'UV	- - - - - - - - -!- - - - - - - - -

13.3 L-identifikatur tal-blokk għall-'Ħsarat' kollha maħżuna jew li għadhom għaddejjin f'UV	- - - - - - - - -⨯- - - - - - - - -

13.4 *Ir-reġistrazzjoni ta' avveniment u/jew ta' ħsara*

L-identifikatur tar-reġistru	- - - - - - - - - - - - - - - - - -
Is-simbolu bl-istampa tal-avveniment/tal-ħsara, l-għan tar-reġistru, id-data u l-ħin tal-bidu,	Pic (p) dd/mm/yyyy hh:mm
Il-kodiċi tal-avveniment/tal-ħsara addizzjonali (jekk ikun hemm), l-għadd ta' avvenimenti simili matul dan il-jum, it-tul	! xx (xxx) hh**h**mm
L-identifikazzjoni tal-biljetti mdaħħla fil-bidu jew fit-tmiem tal-avveniment jew tal-ħsara (sa 4 linji mingħajr ma jkun repetut darbtejn l-istess numru tal-biljett)	Card_Identification Card_Identification Card_Identification Card_Identification
Każ fejn ma jkun iddaħħal l-ebda biljett ma ddaħħal	▪ - - -

L-għan tar-reġistru (p) huwa kodiċi numeriku li jispjega r-raġuni għala l-avveniment jew il-ħsara ġiet irreġistrata, kkodifikat skont l-element tad-data msejjaħ "EventFaultRecordPurpose".

14 ***L-identifikazzjoni tal-UV***

L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - -⊟- - - - - - - - -
L-isem tal-manifattur tal-UV	⊟ Name _____
L-indirizz tal-manifattur tal-UV	Address _____
In-numru tal-parti tal-UV	PartNumber _____
In-numru tal-approvazzjoni tal-UV	Apprv _____
In-numru tas-serje tal-UV	S/N _____
Is-sena tal-manifattura tal-UV	Ssss
Il-verżjoni tas-softwer tal-UV u d-data tal-installazzjoni tiegħu	**V** xxxx dd/mm/yyyy

15 ***L-identifikazzjoni tas-Sensorju***

L-identifikatur tal-blokk	- - - - - - - - -⅄- - - - - - - - -
In-numru tas-serje tas-sensorju	⅄ S/N_____
In-numru tal-approvazzjoni tas-sensorju	Apprv _____
Id-data tal-ewwel installazzjoni tas-sensorju	dd/mm/yyyy"

10.2 It-Taqsima 3.1 "L-attivitajiet tas-sewwieq mill-printout ta' kuljum tal-biljett" għandha tinbidel b'dan li ġej:

"3.1 Attivitajiet tas-sewwieq mill-printout ta' kuljum tal-biljett

PRT_007 L-attivitajiet tas-sewwieq mill-printout ta' kuljum tal-biljett għandhom ikunu skont il-format li ġej:

1	Id-data u l-ħin ta' meta ġie ppprintjat id-dokument
2	It-tip ta' karta stampata
3	L-identifikazzjoni tal-kontrollur (jekk jiddaħħal biljett tal-kontroll fl-UV)
3	L-identifikazzjoni tas-sewwieq (mis-suġġett tal-biljett fil-printout)
4	L-identifikazzjoni tal-vettura (il-vettura li minnha tittieħed il-printout)

5	L-identifikazzjoni tal-UV (l-UV li minnha tittieħed il-printout)
6	L-aħħar kalibrazzjoni ta' din l-UV
7	L-aħħar kontroll li s-sewwieq spezzjonat kien suġġett għalih
8	Is-simbolu li jillimita l-attivitajiet tas-sewwieq
8a	Il-kundizzjoni ta' barra mill-iskop fil-bidu ta' dan il-jum
8.1a / 8.1b / 8.1c / 8.2 / 8.3 / 8.3a / 8.4	L-attivitajiet tas-sewwieq fl-ordni ta' kif seħħu
11	Is-simbolu li jillimita s-sommarju ta' kuljum
11.4	Il-postijiet imdaħħla f'ordni kronoloġika
11.5	It-totali tal-attivitajiet
12.1	Is-simbolu li jillimita l-avvenimenti u l-ħsarat fuq il-biljett
12.4	Ir-reġistri tal-avvenimenti/tal-ħsarat (L-aħħar 5 avvenimenti jew ħsarat maħżuna fil-biljett)
13.1	Is-simbolu li jillimita l-avvenimenti u l-ħsarat f'UV
13.4	Ir-reġistri tal-Avvenimenti/tal-Ħsarat (L-aħħar 5 avvenimenti jew ħsarat maħżuna jew li għadhom għaddejjin fl-UV)
21.1	Il-post tal-kontroll
21.2	Il-firma tal-kontrollur
21.5	Il-firma tas-sewwieq"

10.3 It-Taqsima 3.2 "L-attivitajiet tas-sewwieq mill-printout ta' kuljum tal-UV" għandha tinbidel b'dan li ġej:

"It-Taqsima 3.2
L-attivitajiet tas-sewwieq mill-printout ta' kuljum tal-UV

PRT_008 L-attivitajiet tas-sewwieq mill-printout ta' kuljum tal-UV għandhom ikunu skont il-format li ġej:

1	Id-data u l-ħin ta' meta ġie ppprintjat id-dokument
2	It-tip ta' karta stampata
3	L-identifikazzjoni tad-detentur tal-biljett (għall-biljetti kollha mdaħħla fl-UV)
4	L-identifikazzjoni tal-vettura (il-vettura li minnha tittieħed il-printout)
5	L-identifikazzjoni tal-UV (l-UV li minnha tittieħed il-printout)
6	L-aħħar kalibrazzjoni ta' din l-UV
7	L-aħħar kontroll ta' dan l-apparat tar-reġistrazzjoni
9	Is-simbolu li jillimita l-attivitajiet tas-sewwieq
10	Is-simbolu li jillimita s-slott tas-sewwieq (is-slott 1)
10a	Il-kundizzjoni ta' barra mill-iskop fil-bidu ta' dan il-jum
10.1 / 10.2 / 10.3 /10.3a / 10.4	L-attivitajiet f'ordni kronoloġika (is-slott tas-sewwieq)

10	Is-simbolu li jillimita s-slott tal-assistent tas-sewwieq (is-slott 2)
10a	Il-kundizzjoni ta' barra mill-iskop fil-bidu ta' dan il-jum
10.1 / 10.2 / 10.3 /10.3a / 10.4	L-attivitajiet f'ordni kronoloġika (is-slott tal-assistent tas-sewwieq)
11	Is-simbolu li jillimita s-sommarju ta' kuljum
11.1	Is-sommarju tal-perjodi mingħajr biljett fis-slott tas-sewwieq
11.4	Il-postijiet imdaħħla f'ordni kronoloġika
11.6	It-totali tal-attivitajiet
11.2	Is-sommarju tal-perjodi mingħajr biljett fis-slott tal-assistent tas-sewwieq
11.4	Il-postijiet imdaħħla f'ordni kronoloġika
11.8	It-totali tal-attivitajiet
11.3	Is-sommarju tal-attivitajiet għal sewwieq, biż-żewġ slottijiet inklużi
11.4	il-postijiet imdaħħla minn dan is-sewwieq f'ordni kronoloġika
11.7	It-totali tal-attivitajiet għal dan is-sewwieq
13.1	Is-simbolu li jillimita l-avvenimenti u l-ħsarat
13.4	Ir-reġistri tal-Avvenimenti/tal-Ħsarat (L-aħħar 5 avvenimenti jew ħsarat maħżuna jew li għadhom għaddejjin fl-UV)
21.1	Il-post tal-kontroll
21.2	Il-firma tal-kontrollur
21.3	Il-ħin minn (spazju disponibbli għal sewwieq mingħajr biljett biex jindika
21.4	Sa liema perjodi huma rilevanti għalih)
21.5	Il-firma tas-sewwieq"

11. **EMENDI GĦALL-APPENDIĊI 7 (IL-PROTOKOLL DWAR IT-TNIŻŻIL TAD-DATA**

11.1 In-nota ta' qiegħ il-paġna fit-taqsima 2.1 assoċjata mal-proċedura tat-tniżżil għandha tinbidel b'dan li ġej:

"(1) Il-biljett imdaħħal se jagħti bidu għad-drittijiet xierqa tal-aċċess għall-funzjoni tat-tniżżil u għad-data. Madanakollu, għandu jkun possibbli li wieħed iniżżel id-data minn biljett tas-sewwieq imdaħħal f'wieħed mis-slottijiet tal-UV meta ma jkun hemm l-ebda biljett ieħor imdaħħal fis-slott l-ieħor."

12. **EMENDI GĦALL-APPENDIĊI 9 (L-APPROVAZZJONI TAT-TIP – IL-LISTA TAT-TESTIJIET MINIMI MEĦTIEĠA)**

12.1 Fil-Kapitolu I għandu jiżdied l-istandard tal-ISO li ġej mal-ewwel paragrafu:

"1.2. Referenzi

ISO 16844-3:2004, Cor 1:2006 Il-vetturi tat-triq - Is-sistemi takografiċi – Parti 3: Interface tas-sensorju tal-moviment (mal-unitajiet tal-vetturi)".

12.2 Fil-Kapitolu II "IT-TESTIJIET FUNZJONALI TAL-UNITÀ TAL-VETTURA", għandu jiżdied ir-rekwiżit il-ġdid li ġej mat-Taqsima 3 tat-Testijiet Funzjonali li għandhom jitwettqu:

"3.36 Interface tas-sensorju tal-moviment, ir-rekwiżiti relatati 001a, ir-Rekwiżit 099"

12.3 Fil-Kapitolu II, għandu jiżdied ir-rekwiżit il-ġdid li ġej:

"**It-test funzjonali (tal-UV)**

3.37 Ivverifika li l-UV tinduna, tirreġistra u taħżen l-avvenimenti u/jew il-ħsarat iddefiniti mill-manifattur tal-UV meta sensorju tal-moviment akkoppjata tirreaġixxi għal żoni manjetiċi li jfixklu l-kxif tal-moviment tal-vettura, ir-Rekwiżit 161a."

12.4 Fil-Kapitolu III, għandu jiżdied ir-rekwiżit il-ġdid li ġej:

It-test funzjonali (tas-sensorju tal-moviment)

"3.5 Iċċekkja li s-sensorju tal-movime nt hija immuni għaż-żoni manjetiċi. B'mod alternattiv, ivverifika li s-sensorju tal-moviment jirreaġixxi għal żoni manjetiċi li jfixklu l-kxif tal-moviment tal-vettura, sabiex l-UV akkoppjata tkun tista' tinduna, tirreġistrahom u taħżinhom il-ħsarat tas-sensorju, ir-Rekwiżit relatat 161a."

12.5 Fil-Kapitolu III "IT-TESTIJIET FUNZJONALI TAS-SENSORJU TAL-MOVIMENT", għandu jiżdied ir-rekwiżit il-ġdid li ġej mat-Taqsima 3 tat-Testijiet Funzjonali li għandhom jitwettqu:

"3.4. L-interface tal-unità tal-vettura, ir-Rekwiżit 001a".

13. **EMENDI GĦALL-APPENDIĊI 12 (ADAPTER GĦALL-VETTURI M1 u N1)**

Fit-Taqsima 7.2 tal-Kapitolu VII, għandu jiżdied ir-rekwiżit il-ġdid li ġej:

"3.3 Iċċekkja li l-adapter huwa immuni għaż-żoni manjetiċi. B'mod alternattiv, ivverifika li l-adapter jirreaġixxi għal żoni manjetiċi li jfixklu l-kxif tal-moviment tal-vettura, sabiex UV li tkun konnessa tkun tista' tinduna bil-ħsarat tas-sensorju, tirreġistrahom u taħżinhom, ir-Rekwiżit relatat 161a."